MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Numru. 226/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Caruana)**

**vs**

**Clayton Polidano ta' 20 sena, iben Joseph u Benedetta nee Debono, mwieled Pieta' fil-5 ta' Dicembru, 1983, li joqghod Block 4, Flat 3, Triq il-Fieres, Kirkop, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 20084 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Clayton Polidano li gie akkuzat talli fiz-Zurrieq fit-8 ta' Frar, 2003 ghall-habta tas-2.00 a.m. ikkommetta serq ta' mobiles u affarijiet ohra mill-fond Leonardo Activity, Vjal Blue Grotto, Zurrieq liema

serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Alfred Zammit.

F'Hal Safi, fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Mejju, 2003 ikkommetta serq ta' mobiles mill-fond Movie Land, Triq iz-Zurrieq, liema serq huw akkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u bil-hin, u l sar ghad-detriment ta' Robert Zammit.

Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsarat fl-armatura tal-istess stabiliment liema hsara separatament tammonta ghal aktar minn hamsin (Lm 50) lira izda li ma teccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm 500).

Talli fit-8 ta' Frar, 2003 fix-xhur ta' wara, f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat.

Rat il-fedina penali tieghu li hi ghal kollox netta.

Ikkonsidrat

Illi certament ir-reati kommesi minn Clayton Polidano huma anke minhabb l-aggravji tal-valur ta' portata aktar serja. Anke tenut kont tal-fatt li r-reati gew kommessi fi zmien qasir minn xulxin. Illi tali reati jsibu aktar perplessita' u ragun ta' nkwiet meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-eta' tenera ta' l-akkuzat u r-reati lilu addebitati.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artiklu 261, 263, 267, 278, 279, 280, 325, 334, 17 tal-kapitlu 9 issibu hati ta' l-istess.

Dwar il-piena tenut kont ta’ dak kollu premess rat l-Artiklu 28A tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba’ snin.

Rat l-Artikolu 28G tal-kapitlu 9 u tordna li Clayton Polidano jitqieghed taht ordni ta’ supervizjoni ghal zmien sena mill-llum u tahtar ghal dan l-iskop lil Trevor Calafato b’dan illi Clayton Polidano ghandu jsegwi/jobdi kull direttiva lilu moghtija mill-ufficjal sorveljanti liema ufficjal ghandu jirraport l-progress u l-andament tas-sorveljat lill-magistrat sottofirmat kull tmein gimghat bil-miktub.

Tibghat is-sentenza flimkien ma’ l-Atti lill-Avukat Generali kif trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------